jistgħu jidħlu dejjem, f'linja waħda, it-tlieta flimkien (1). U b'dan il-ftehim, fl-aħħar feġġet dik l-qawsalla tal-paċi li temmet it-tilwima nkejjuża dwar l-"Imprimatur" — silta, li, bħalma rajna, kienet ilha sejra 'l fuq minn mitt sena bejn l-Ordni u Ruma.

(1) Ark. ta' l-Ordni, vol. 1505.

*(Jissokta)*

---

## TFAJJEL SAJJIED

*Ta'* VINCENT CARUANA

Jien rajtek taqbdu t-tmun b'dirgħajn ta' saħħa,
U waħdek tmexxi l-qlugħ bil-ħsieb u r-rieda.
Kull mewġa b'għaqal kbir toħodha magħha;
Stħajjiltkom dħaltu, int u l-mewġ, fi ġlieda.

Rajt mewġa tqum bil-qawwa kollha tagħha,
Imm'inti taf is-sengħa tas-sajjieda,
W għalhekk għaraft il-mewġa kif tirbaħha,
Li setgħet sa ftit qabel tkun qerrieda.

Nixtieq li bħalek fija wkoll tinbena
Il-qawwa li wasslitek f'xatt il-bajja
Rebbieħ bil-qlugħ, bla tibża' jew tinfena;

U bħalek ngħid: Ha jiġi l-mewġ bil-qtajja'.
Jien issa rrid nitgħallem dik is-sengħa,
Li nidra nirbaħ biha l-Mewġ tal-Ħajja.

---



# Il-Laqgħa ta' Dun Abbondju mall-Bravi

*Ta'* DUN PAWL

LI t-tnejn, li wrejna x'kienu fuq, kienu qegħdin jistennew lil xi ħadd, kienet ħaġa wisq ċara; imma dak li minnu sogħobbih l-aktar Dun Abbondju kien li kellu jintebah, minn xi għamil tagħhom, li l-mistenni kien hu. Għax, hekk kif deher hu, dawk kienu ħarsu f'wiċċ xulxin, jarfgħu rashom, b'ċaqliqa li minnha kien jidher li t-tnejn f'daqqa kienu qalu: hu; dak, li kien riekeb fuq il-ħajt b'siequ l-waħda 'l hemm u l-oħra 'l hawn, kien qam, jiġbed siequ għal fuq it-triq: l-ieħor kien inqala' minn mal-ħajt, u t-tnejn kienu sejrin lejh. Hu, jżomm dejjem il-brevjarju miftuħ quddiemu, bħallikieku qed jaqra, kien qed jitfa' ħarstu 'l fuq, biex igħarrex x'jagħmlu; u, jarahom ġejjin tassew lejh, qabdu f'daqqa waħda elf ħsieb. Staqsa malajr bilħeffa lilu nnifsu, jekk, bejn il-*bravi* u hu, kienx hemm xi triq mnejn joħroġ, mal-lemin jew max-xellug; u ntebah malajr li le. Għamel bil-għaġla stħarriġa tiegħu nnifsu, jekk qatt kienx naqas lejn xi wieħed li kien jiflaħ, lejn xi wieħed li ma jaħfirha lil ħadd; imma, wkoll f'dik il-fixla, ix-xhieda li tfarraġ tar-ruħ kienet qiegħda sserrħu xi ftit: il-*bravi* iżda kienu resqin, iħarsu lejh ċass. Qiegħed sebgħu l-werrej u tan-nofs ta' idu x-xellugija ġol-kullar, bħallikieku biex iqiegħdu sewwa, u, idawwar iż-żewġt iswaba' ma' għonqu, kien qiegħed fil-ħin jilwi wiċċu lura, igħawweġ flimkien ħalqu u jħares minn tarf il-għajn, sa fejn kien jista' jekk kienx ġej xi wieħed; imma ma ra lil ħadd. Ta daqqa ta' għajn, 'l fuq mill-ħajt, fl-għelieqi: ħadd; daqqa oħra aktar mistura fuq it-triq ta' quddiemu: ħadd, barra mill-*bravi*. X'jaqbad jagħmel? jarġa' lura, ma kienx iżjed fil-waqt; jerħilha b'ġirja, kien daqs li kieku jgħidilhom, itordu warajja, jew agħar. Ma jistax jeħles mill-għawġ, intafa' għal fuqu, għaliex dawk il-ħinijiet, li fihom ma kienx jaf x'għad jiġri, kienu hekk ta' diqa kbira għalih, li ma kienx jixtieq ħaġ'oħra ħlief li jqassarhom. Ħaffef il-mixja, qal *versett* b'leħen ogħla, għamel wiċċ mill-aktar ħiemed u ferħan li sata', ġabar ħiltu kollha biex iħejji tbissima;